

Brussell, 16 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9528/25
PV CONS 28
AG 76
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
27 ta' Mejju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9262/25.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

9263/25

a) Lista mhux leġiżlattiva

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

9264/25

Ambjent

1. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 dwar standards ta' emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet



8905/1/25 REV 1
+ ADD 1 REV 2
PE-CONS 13/25
CLIMA

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-21.5.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE), bl-astensjoni tal-Belġju u l-Iżvezja. Il-Kunsill qabel ukoll dwar id-deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1.

Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri



9113/25

Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġislattivi

- | | | |
|----|--|-----------------------|
| 4. | Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2025:
abbozz ta' aġenda annotata
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 8194/25 |
| 5. | Il-valuri tal-Unjoni fl-Ungerija/Artikolu 7(1) TUE, proposta
motivata
<i>Seduta</i> | 8266/25 |
| 6. | Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt: diskussjoni speċifika
għall-pajjiżi
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 5092/25 |
| 7. | Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1 li
jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità
Ekonomika Ewropea
(Bażi legali: l-Artikolu 342 TFUE)
<i>Adozzjoni</i> | (*) 9056/25 + ADD 1-2 |
| 8. | Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika tal-UE
<i>Approvazzjoni</i> | 9352/25
8629/25 |
| 9. | Affarijiet oħra
a) Tmiem tal-finanzjament ta' Radio Free Europe
<i>Informazzjoni miċ-Ċekja</i> | 9303/25 |



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*)

Punt li jista' jintalab vot dwaru

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 9264/25

Dwar il-punt "A" nru 1: **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 dwar standards ta' emissjonijiet ta' CO2 għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet**
Adozzjoni tal-att leġislattiv
Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tilqa' l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/631 dwar standards tal-emissjonijiet ta' CO2 għall-karozzi u l-vannijiet biex tiġi introdotta flessibbiltà ġdida u tiġi ffaċilitata l-kisba tal-mira tal-2025 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, u b'hekk jittaffa f'perjodu qasir ir-riskju ta' penali (primjums għall-emissjonijiet eċċessivi) li jippenalizzaw l-innovazzjoni u jaggravaw id-diffikultajiet attwali tas-settur awtomobilistiku tal-UE.

Biex dawn id-diffikultajiet jiġu indirizzati b'mod adegwat fit-tul, l-Italja tqis li huwa essenzjali li r-reviżjoni ppjanata tar-Regolament (KE) Nru 2019/631 titmexxa 'l quddiem għal din is-sena. Għalhekk nilqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tmexxi r-reviżjoni 'l quddiem għat-tieni nofs tal-2025 u li tħaffef il-ħidma preparatorja meħtieġa.

L-Italja tqis li r-reviżjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatti, tirrifletti r-realtajiet tas-suq u twassal għal qafas regolatorju tassew abilitanti u stabbli li jiżgura tranżizzjoni ekonomikament sostenibbli u soċjalment ġusta għas-settur awtomobilistiku. Għal dan il-għan, inqisu li huwa essenzjali li r-reviżjoni ssegwi l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u tqis il-kontribut tas-soluzzjonijiet kollha disponibbli għal vetturi nodfa, inkluż l-użu tal-bijofjuwils. Nistennew ukoll metodoloġija komprensiva għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi, mill-produzzjoni sad-dekummissjonar.

Fl-aħħar nett, l-Italja tqis li għandhom jittieħdu wkoll miżuri biex jitnaqqas ir-riskju ta' penali għas-settur tal-vetturi heavy-duty u li r-reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/1242 għandha titmexxa 'l quddiem."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Malta tista' tappoġġa l-livell propost ta' flessibbiltà fil-qafas leġislattiv iżda qed tesprimi xi tħassib. Huwa essenzjali li jiġi mfakkar li l-oġettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament jallinja mal-miri klimatiċi kollettivi tal-UE għall-2030, b'mod partikolari l-miri nazzjonali tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

It-trasport jibqa' wieħed mis-setturi ewlenin ta' emissjonijiet fl-UE, u fil-każ ta' Malta, l-emissjonijiet mit-trasport huma l-kontributuri ewlenin għall-miri tal-ESR. Bħala pajjiż li jimporta l-vetturi kollha tiegħu, Malta tiddependi għalkollox mis-suq estern għall-provvista tal-vetturi u hija partikolarment vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet fid-dinamika tal-prezzijiet bejn it-teknoloġiji konvenzjonali u dawk b'emissjonijiet baxxi. F'dan il-kuntest, ir-rwol tar-Regolament fl-istimulazzjoni tal-provvista tas-suq ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi jitqies kritiku għall-isforzi nazzjonali ta' Malta biex taċċellera l-elettrifikazzjoni tal-flotta tal-vetturi tagħha u tissodisfa l-impenji tagħha ta' dekarbonizzazzjoni.

Fid-dawl tal-isfidi attwali li qed jiffaċċa s-settur awtomobilistiku Ewropew, Malta tirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat li l-perkors biex jintlaħqu l-miri klimatiċi jibqa' kemm ambizzjuż kif ukoll kosteffettiv."
